MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2008

Appell Civili Numru. 1511/2001/2

**Joseph M. Vella u l-kumpannija *J.M. Limited***
***versus***
***Vella Brothers Limited*, Saviour Vella, George Vella, Paul Vella, Alfred Vella, Sebastian Vella u Nazzareno Vella, kif ukoll *Express Trailers Limited* għal kull interess li jista' jkollha**

F'dawn il-proċeduri l-appellanti *Vella Brothers Limited et* ["l-intimati-appellanti"] b'rikors tat-18 t'April 2007 qegħdin jitolbu r-ritrattazzjoni ta' kawża maqtugħa b'sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-9 ta' Marzu 2007 għar-raġuni (i) illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin, skond l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u (ii) illi bis-sentenza ngħata iżjed minn dak li ntalab, skond l-art. 811(*g*).

Il-fatti relevanti huma dawn:
B'rikors magħmul taħt l-art. 402 ta' l-Att dwar il-Kumpanniji [Kap. 386] Joseph M. Vella, li wara ngħaqdet miegħu is-soċjetà *J.M. Limited* ["ir-rikorrenti-appellati"], talab illi jingħata rimedju għax l-affarijiet tal-kumpanniji *Express Trailers Limited* u *Vella Brothers Limited* kienu qegħdin jitmexxew b'mod oppressiv, inġustament diskriminatorju u ta' preġudizzju għalih. Fisser illi kien sar ftehim ta' ri-organizzazzjoni ta' dawk il-kumpanniji, fost oħrajn, li bis-saħħa tiegħu kellu jikseb (flimkien ma' ħaddieħor) l-ishma kollha fis-soċjetà *Express Trailers Limited*. Għalkemm il-ftehim beda jitwettaq, l-intimati-appellanti nqdew bis-setgħa li jagħtihom il-fatt li, fil-preżent, għandhom il-biċċa l-kbira ta' l-ishma biex bdew iqassmu bħala *dividends* il-qligħ u l-flejjes ta' *Express Trailers Limited* u hekk waqqgħu l-valur tas-soċjetà. Għalhekk talab illi l-qorti twaqqaf lill-intimati-appellanti milli jkomplu jqassmu l-beni ta' *Express Trailers Limited* bħala *dividends* jew b'xi mod ieħor sakemm tinqata' kawża oħra mibdija mir-rikorrenti-appellati għat-twettiq tal-ftehim ta' ri-organizzazzjoni[1].
L-intimati-appellanti wieġbu fit-28 ta' Novembru 2001. Fost l-eċċezzjonijiet imressqa mill-intimati-appellanti dik li hija relevanti għall-għanijiet tal-proċeduri ta' ritrattazzjoni tgħid illi bejn il-partijiet ma kien hemm ebda ftehim dwar ri-organizzazzjoni li jorbot fil-liġi.
B'sentenza preliminari mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2002 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet eċċezzjoni ta' l-intimati-appellanti, u b'sentenza oħra tas-16 ta' Settembru 2003 laqgħet it-talba tar-rikorrenti-appellati wara li sabet illi *prima facie* kien jidher illi bejn il-partijiet kien hemm "qafas ta' ftehim".
L-intimati-appellanti b'rikors tal-31 ta' Diċembru 2003 appellaw minn dawn iż-żewġ sentenzi u minn dikriet mogħti mill-ewwel qorti fis-26 t'April 2002, iżda din il-qorti, b'sentenza mogħtija fid-9 ta' Marzu 2007 ċaħdet l-appell wara li, *inter alia*, qalet hekk:
22. F'dan il-kuntest [jekk hemmx ftehim jew le] jiġi preċiżat ukoll li ftehim ta' din ix-xorta ma hux wieħed minn dawk li l-liġi tirrikjedi li jsiru in forma iskritta *ad validitatem.* L-istess jingħad għat-trasferiment ta' ishma fis-socjetajiet

[1] Joseph M. Vella *et versus Vella Brothers Limited et* (ċitaz. nru 1221/2001).

– li però l-partijiet jaqblu li qatt ma sar. Din il-qorti hija tal-fehma li *prima facie* kien hemm ferm iżjed minn qafas ta' ftehim, iżda ftehim fih innifsu, liema ftehim, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-intimati appellanti, kien diġà beda jiġi implimentat mill-partijiet.

B'rikors tat-18 t'April 2007 l-intimati-appellanti talbu illi din il-qorti tisma' l-appell mill-ġdid, wara li tħassar is-sentenza minnha mogħtija fid-9 ta' Marzu 2007 għar-raġuni (i) illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin, skond l-art. 811(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u (ii) illi bis-sentenza ngħata iżjed minn dak li ntalab, skond l-art. 811(*g*).

<u>Applikazzjoni ħażina tal-liġi</u>

Dwar l-applikazzjoni tal-liġi ħażina f'sentenza bħala raġuni għala s-sentenza għandha titħassar u l-kawża tinstema' mill-ġdid, il-liġi tgħid hekk:

**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*e*) jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin;

għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;

**816.** Fir-rikors … … … meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata.

L-intimati-appellanti jfissru hekk dan l-aggravju:

2.1 Fil-paragrafu 22 tad-deċiżjoni tagħha, l-onorabbli Qorti ta' l-Appell sabet illi "*F'dan il-kuntest jiġi preċiżat ukoll li ftehim ta' din ix-xorta ma hux wieħed minn dawk li l-liġi tirrikjedi li jsiru in forma iskritta ad validitatem. <u>L-istess jingħad għat-trasferiment ta' ishma fis-soċjetajiet</u>*". Dan fl-isfond tal-każ ta' l-appellanti li f'kaz illi l-onorabbli qorti kellha ssib li hemm xi forma ta' ftehim dak l-istess ftehim kien null stante illi ma sarx bil-forma skritta kif titlob il-liġi fil-każ ta' trasferimenti ta' ishma.

2.2 Jinghad bir-rispett illi (i) jirriżulta mil-liġi u partikolarment mill-artikolu 43(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u t-Trasferimenti illi trasferiment ta' ishma jeħtieġ li jkun bil-miktub *ad validitatem* u (ii) illi mingħajr preġudizzju għall-argument li ma kienx hemm ftehim bejn l-ahwa Vella, mhux ċar eżattament x'kienet in-natura ta' dan il-ftehim. Madankollu, jiġi ssottolinejat illi kuntrarjament għal dak li sabet l-onorabbli Qorti ta' l-Appell, kull trasferiment ta' ishma jeħtieġ li jsir bil-miktub. In-nuqqas ta' din il-forma skritta kienet tirrendi l-allegat ftehim li jisħqu li ntlaħaq l-atturi, wieħed null, minħabba f'dan in-nuqqas ta' forma.
2.3 L-artikolu 43(1) ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dokumenti u t-Trasferimenti jistipula illi: "*Kull trasferiment inter vivos ta' valuri negozjabbli magħmul f'Malta għandu, taħt piena ta' nullità, isir bil-miktub*". Jirriżulta għalhekk illi trasferiment ta' ishma li huma bla dubbju "*valuri negozjabbli*" kellu taħt piena ta' nullità jsir bil-miktub. Jista' jkun li l-onorabbli Qorti ta' l-Appell, u anke r-ritrattati, illimitaw irwieħhom għall-artikolu 1233 tal-Kap. 16 li jelenka l-lista ta' kuntratti li skond dak il-Kodiċi Ċivili jeħtieġ li jsiru almenu bi skrittura privata. Madankollu, jingħad illi *oltre* dik il-lista, il-ħtieġa tal-kitba tista' tirriżulta minn liġijiet oħrajn, bħal ma huwa per eżempju l-Kapitolu 364 tal-Liġijiet ta' Malta. Jingħad għaldaqstant illi dak li sabet l-onorabbli Qorti ta' l-Appell u *cioè* illi trasferiment ta' ishma ma jeħtieġx illi jirriżulta bil-miktub hija applikazzjoni ħażina tal-liġi ai termini ta' l-artikolu 811(*e*) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant jeżistu l-premessi neċessarji sabiex tintlaqa' din it-talba odjerna.
2.4 L-artikolu 43(1) tal-Kap. 364 mhuwiex l-uniku artikolu fil-liġijiet tagħna li jeħtieġ din il-forma bl-iskritt għat-trasferiment ta' ishma. L-artikolu 118(2) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula illi ebda kumpannija ma tista' tieħu konjizzjoni ta' jew tirreġistra xi trasferiment ta' ishma fiha jekk kemm-il darba ma "*jkunx ingħata lill-kumpannija dokument regolari ta' trasferiment jew kopja awtentika tieghu*". Dana jkompli jsaħħaħ dak dispost fil-Kap. 364 u spjegat *supra*, *stante* illi mingħajr dokument miktub persuna ma tistax tiġi reġistrata bħala azzjonista bil-konsegwenza illi ma jkollha qatt it-titolu għall-ishma relativi. Għaldaqstant abbażi wkoll ta' dak dispost fl-Att

dwar il-Kumpanniji fl-artikolu 118, jirriżulta illi l-onorabbli Qorti ta' l-Appell għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi meta sabet illi ma jeħtieġx id-dokument bil-miktub fir-rigward ta' trasferiment ta' ishma f'soċjetajiet.

2.5 Għaldaqstant, [l-intimati-appellanti] filwaqt li jagħmlu riferenza għall-artikoli tal-liġi ġà ċitati, liema artikoli donnhom ma tteħdux in konsiderazzjoni minn din l-onorabbli qorti, jitolbu umilment illi din l-onorabbli qorti sabiex tordna r-ritrattazzjoni tas-sentenza tagħha stess tad-9 ta' Marzu 2007, abbażi ta' dan is-sub-artikolu (*e*) ta' l-artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tirrevoka wkoll is-sentenza mogħtija minn din l-onorabbli Qorti ta' l-Appell.

Dan l-aggravju huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, fieragħ għall-aħħar.

Tassew illi din il-qorti qalet ħażin meta qalet illi ma huwiex meħtieġ ftehim bil-miktub għal trasferiment ta' ishma f'soċjetà kummerċjali. Madankollu, dik l-osservazzjoni żbaljata tal-qorti ma kinitx relevanti għall-konklużjoni li waslet għaliha u għall-motivazzjoni li wasslet għal dik il-konklużjoni. Il-ftehim li l-qorti sabet li kien hemm bejn il-partijiet ma kienx ftehim ta' trasferiment ta' ishma, u għalhekk ma kellhiex għalfejn tapplika għalih il-liġi li tirregola trasferimenti ta' ishma; li tassew il-kumment tal-qorti dwar trasferiment ta' ishma kien biss *obiter* jidher ċar mill-osservazzjoni li għamlet minnufih wara – u li għal raġunijiet ovvji l-intimati-appellanti għażlu li ma jiċċitawhiex – illi "però l-partijiet jaqblu li [trasferiment ta' ishma] qatt ma sar". Ladarba sabet illi ma kienx hemm trasferiment ta' ishma, il-qorti ma "applikatx" il-liġi – tajjeb jew ħażin – dwar trasferiment ta' ishma u għalhekk ma kienx hemm "applikazzjoni" – tajba jew ħażina – ta' dik il-liġi.

Ladarba kull kumment li setgħet għamlet il-qorti dwar kif jista' jsir trasferiment ta' ishma huwa superfluwu, u għalhekk ma kellu ebda effett fuq il-motivazzjoni u l-konklużjoni tas-sentenza, ma jistax iwassal għat-tħassir tagħha.

Il-qorti għalhekk, għalkemm tagħraf illi s-sentenza tagħha tad-9 ta' Marzu 2007 tgħid ħażin illi ma hijiex meħtieġa l-kitba għal-trasferiment ta' ishma, tgħid illi ma huwiex il-każ illi minħabba f'hekk is-sentenza "applikat il-liġi ħażin".

<u>Li bis-sentenza ngħata *ultra petita*</u>
L-intimati-appellanti jgħidu wkoll illi bis-sentenza ngħata aktar minn dak li ntalab. Dwar din ir-raġuni għat-tħassir tas-sentenza, il-liġi tgħid hekk:

**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell jew mill-Qorti Ċivili, Prim Awla, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

(*g*) jekk bis-sentenza jkun ġie mogħti iżjed minn dak li ntalab.

L-intimati-appellanti jgħidu illi:

3.2 … … … l-onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet ġiet mitluba sabiex tipprojbixxi lill-intimati milli jiddistribwixxu kwalunkwe profitti, fondi jew flus oħra appartenenti lill-kumpannija [*Express Trailers Limited*] sew jekk bħala *dividends* jew b'mod ieħor sakemm tiġi deċiża l-kawża fl-ismijiet Joseph M. Vella *et v. Vella Brothers Limited* (Ċit. Nru 1221/01) u dan ai termini ta' l-artikolu 402 ta' l-Att XXV ta' l-1995 dwar il-kumpanniji.

3.3 L-onorabbli Prim'Awla ta' l-Qorti Civili sabet illi (i) kien hemm *prima facie* qafas ta' ftehim u allura (ii) kien leġittimu l-ilment tar-rikorrenti li jħossuhom oppressi, diskriminati u kien ukoll leġittmu għar-rikorrenti li jsostnu li l-aġir ta' l-intimati kien inġustament pre-ġudizzjevoli. Kien abbażi ta' dan ir-raġunament imsejjes kollu kemm hu fuq il-premessa illi *prima facie* kien hemm qafas ta' ftehim, li l-onorabbli Prim'Awla sabet illi kien hemm lok illi tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti, kif fil-fatt ġara.

3.4 L-ilment ta' [l-intimati-appellanti] quddiem l-onorabbli Qorti ta' l-Appell minn din is-sentenza tal-Prim'Awla kien, fost oħrajn, illi ma kellux jintuża l-binarju tal-*prima facie* sabiex jitqies jekk kienx hemm ftehim jew le iżda illi bħal kull kawża oħra l-qorti kellha tanalizza l-provi fit-totalità tagħhom u tara jekk fil-fatt kienx hemm ftehim, u mhux biss qafas ta' ftehim. Fil-fatt kif anke dikjarat fir-rikors ta' l-appell, l-eżistenza ta' qafas ta' ftehim kien konċess – u dan mhux biss fuq bażi *prima facie* iżda abbażi tal-preponderanza tal-provi kollha. Li kien u għadu kontestat mhuwiex l-eżistenza ta' qafas ta' ftehim iżda l-eżistenza ta' kuntratt li seta' jorbot lill-partijiet u dan kien

fundamentali għall-eventwali deċiżjoni dwar jekk kienx hemm aġir li jikkwalifika taħt l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

3.5 F'dan il-kuntest, l-onorabbli Qorti ta' l-Appell ġiet mitluba *tirrevoka* s-sentenza tal-Prim' Awla u għaldaqstant it-triq li kellha quddiemha din l-istess onorabbli Qorti kienet waħda mis-segwenti żewġ toroq u *cioè* (i) jew illi ssib illi l-proċess ta' kif ġew imwieżna l-provi fuq bażi *prima facie* kien wieħed korrett, u ma tissokktax *oltre* jew (ii) issib bil-kuntrarju u *cioè* illi l-Prim'Awla kellha twieżen il-provi bħal f'kull kawża oħra u mhux biss fuq bażi *prima facie* b'dan illi terġa' tibgħat l-atti kollha quddiem il-Prim'Awla sabiex jistennew l-eżitu tal-kawża numru 1221/01RCP li kien neċessarjament meħtieġ biex wieħed jasal għal deċiżjoni fuq l-artikolu 402 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

3.6 Madankollu l-onorabbli Qorti ta' l-Appell, fil-fehma umli ta' [l-intimati-appellanti], marret *oltre* din it-talba għar-revoka. L-onorabbli Qorti ta' l-Appell u preċiżament fil-paragrafu 22 sabet illi "*Din il-qorti hija tal-fehma li prima facie kien hemm ferm iżjed minn qafas ta' ftehim, iżda ftehim fih innifsu, liema ftehim, għall-kuntrarju ta' dak li jsostnu l-intimati appellanti, kien diġà beda jiġi implimentat mill-partijiet*". Bir-rispett jingħad illi din il-konklużjoni ta' l-onorabbli qorti tmur *oltre* dak li ġiet mitluba tiddeċiedi dwaru l-istess qorti u *cioè* r-revoka tas-sentenza tal-Prim'Awla. L-onorabbli Qorti ta' l-Appell ma kellhiex tmur *oltre* dak li sabet il-Prim'Awla fir-*ratio* tagħha u jekk il-fehma ta' l-onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet fil-fatt illi l-proċess adottat mill-Prim'Awla kien dak korrett, kellha biss tikkonferma s-sentenza tal-qorti ta' l-ewwel istanza u tiċħad ir-revoka. Madankollu l-onorabbli Qorti ta' l-Appell ma waqfitx hemm – marret *oltre* s-sejba ta' bażi ta' ftehim *prima facie* u sostniet li fil-fatt kien hemm il-ftehim innifsu, kwalifikat bil-binarju ta' prova *prima facie*. Jinghad bir-rispett illi t-talba għar-revoka tas-sentenza tal-Prim'Awla ċertament ma kinitx teħtieġ illi jinstab illi kien hemm *oltre* l-qafas ta' ftehim *prima facie*, liema qorti kienet ġiet mitluba biss tara jekk il-binarju ta' prova stipulat mill-ewwel qorti kienx dak korrett jew le. Jekk fil-fatt ir-raġunament kien korrett, allura jsegwi illi l-onorabbli Qorti ta' l-Appell kellha tikkonferma dik is-sentenza u mhux tmur lil hemm minn

dak li sabet il-Prim'Awla u li dwaru [l-intimati-appellanti] kienu ħassewhom aggravati.

3.7 Jingħad umilment illi dan ir-raġunament ta' l-onorabbli Qorti ta' l-Appell ma kellux isir speċjalment f'kuntest tant delikat meta għad hemm kawża oħra pendenti li preċiżament titratta l-meritu ta' l-eżistenza tal-ftehim *o meno* u dan mhux biss fuq bażi *prima facie*. Jingħad ulterjorment illi r-raġunament ta' l-onorabbli Qorti ta' l-Appell u l-konklużjonijiet li waslet għalihom l-istess qorti biss fuq provi *prima facie* huma konklużjonijiet li jistgħu jinċidu fuq id-deċiżjoni li ser tiġi mitluba tagħmel il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża numru 1221/01RCP u wkoll tista' potenzjalment tippreġudika appell minn dik is-sentenza, tmur lejn liema naħa tmur l-istess deċiżjoni.

Dan l-aggravju wkoll huwa fieragħ.

Ir-rimedju mitlub kien li l-qorti żżomm lill-intimati milli jqassmu flus tal-kumpanniji, u r-rimedju mogħti kien dak u xejn aktar. Naturalment, biex tilqa' t-talba tar-rikorrenti appellati l-qorti kellha l-ewwel tara jekk jirriżultawlhiex il-premessi li fuqhom kienet mibnija t-talba, fosthom illi kien jidher għall-inqas *prima facie* illi kien hemm ftehim li jorbot lill-partijiet. L-ewwel qorti sabet illi kien hemm "qafas ta' ftehim"; din il-qorti sabet illi kien hemm aktar minn hekk – "ferm iżjed minn qafas ta' ftehim, iżda ftehim fih innifsu" – iżda b'hekk ma tatx iżjed milli kien mitlub iżda biss sabet motivazzjoni aktar qawwija biex tagħti r-rimedju mitlub, u xejn iżjed mir-rimedju mitlub.

Qorti fi grad ta' appell ma hijiex marbuta illi jew taqbel mal-konklużjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti għall-istess raġunijiet, jew ma taqbilx: tista' taqbel mal-konklużjoni għall-istess raġunijiet, jew għal dawk ir-raġunijiet u oħrajn, jew għal raġunijiet oħra, bla ma b'hekk tkun qiegħda tagħti *ultra petita*.

Ukoll, bla ma nidħlu fil-kwistjoni jekk sejbien fuq bażi *prima facie* jippreġudikax sejbien fuq bażi ta' probabbiltà, il-qorti ma hijiex miżmuma milli, għad-deċiżjoni tagħha, iżżomm lura milli toqgħod fuq motivazzjonijiet li jistgħu jkollhom effett fuq kawża oħra, sakemm dawk il-motivazzjonijiet ikunu – bħal ma kienu fil-każ tallum – relevanti għall-kawża li tkun qiegħda tisma'.

Għalhekk ma huwiex il-każ illi bis-sentenza ngħata aktar milli mitlub, u ma hemmx din ir-raġuni għat-tħassir tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba magħmula bir-rikors ta’ ritrattazzjoni tat-18 t’April 2007, bl-ispejjeż kontra l-intimati-appellanti. Billi wkoll hija tal-fehma illi t-talba għar-ritrattazzjoni kienet fiergħa u vessatorja, maħsuba biex ittawwal għalxejn il-proċeduri, il-qorti, wara li rat il-para. 10(1) tat-Tariffa A mehmuża bħala Skeda A mal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-intimati-appellanti jħallsu lir-Reġistratur tal-Qrati spejjeż addizzjonali ta’ elf u ħames mitt euro (€1,500)

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------